

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 233/2012

tas-16 ta' Marzu 2012

li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 999/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward l-approvazzjoni tal-programm nazzjonali ta' kontroll tal-iscriapie emendat għad-Danimarka

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 999/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2001 li jistabbilixxi regoli għall-prevenzjoni, kontroll u eradikazzjoni ta' ċerta enċefalopatija sponġiformi li tinxtered ⁽¹⁾, u b'mod partikolari il-punt (b)(iii) tas-Sezzjoni 1 tal-Kapitolu A tal-Anness VIII tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KE) Nru 999/2001 jistabbilixxi r-regoli għall-prevenzjoni, il-kontroll u l-eradikazzjoni tal-enċefalopatiji sponġiformi li jinxterdu fl-annimali. Dan jipprevedi l-approvazzjoni tal-programmi nazzjonali tal-kontroll tal-iscriapie tal-Istati Membri jekk dawn ikunu f'konformità ma' ċerti kriterji stabbiliti f'dak ir-Regolament.
- (2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 546/2006 tal-31 ta' Marzu 2006 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 999/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-programmi nazzjonali għall-kontroll tal-iscriapie u garanziji addizzjonali u li jidderoga minn ċerti ħtiġijiet tad-Deċiżjoni 2003/100/KE u li jirrevoka r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1874/2003 ⁽²⁾ approva *inter alia* programmi nazzjonali għall-kontroll tal-iscriapie u stabbilixxa garanziji addizzjonali relatati mal-impriżi u r-restrizzjonijiet fiċ-ċaqliq uffiċjali skont ċerti kondizzjonijiet għall-annimali ovinu u kaprini.
- (3) Fil-25 ta' Novembru 2011, id-Danimarka ppreżentat programm nazzjonali ta' kontroll tal-iscriapie emendat għall-approvazzjoni tal-Kummissjoni li jikkonforma mal-kriterji stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 999/2001.

Sa mill-2003, l-istokk kollu maqgħul tal-annimali ovinu u kaprini li għandhom aktar minn 18-il, xahar kien ittestjat għall-iscriapie fid-Danimarka u ma nstab l-ebda każ ta' scriapie klassiku. Għalhekk l-għan tal-emenda fil-programm nazzjonali ta' kontroll tal-iscriapie tad-Danimarka huwa li jnaqqas in-numru ta' testijiet imwettqa kull sena, mill-ittestjar estensiv attwali tal-annimali ovinu u kaprini maqgħula li għandhom aktar minn 18-il xahar għall-minimu meħtieġ f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 999/2001.

- (4) Ikkunsidrata s-sitwazzjoni epidemjoloġika favorevoli fid-Danimarka bħalissa, il-programm nazzjonali ta' kontroll tal-iscriapie emendat għal dan l-Istat Membru għandu jkun approvat.
- (5) Il-programm nazzjonali ta' kontroll tal-iscriapie emendat mhu se jkollu l-ebda impatt fuq il-kummerċ peress li l-garanziji addizzjonali u r-restrizzjonijiet fuq iċ-ċaqliq uffiċjali stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 546/2006 jibqgħu l-istess. Għalhekk, dan ir-Regolament għandu jibda japplika minnufih.
- (6) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-programm nazzjonali ta' kontroll tal-iscriapie emendat ippreżentat mid-Danimarka lill-Kummissjoni fil-25 ta' Novembru 2011 hu hawnhekk approvat.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Marzu 2012.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

⁽¹⁾ ĠU L 147, 31.5.2001, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 94, 1.4.2006, p. 28.